MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 584/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Frank Tropman K.I. 28876(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€587.83) in konnessjoni ma’ servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C80019756* reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu

preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€587.83), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fil-21 ta’ Novembru 2011 u numerata 4503/11, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċitata,  huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------